VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,323, 10 ta' Ottubru, 2014
Taqsima B

A.L. 370 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Master of Arts in Mediation taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Mediation u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Mediation, taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi, ippubblikati bħala Avviż Legali 146 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-applikanti kollha jkunu meħtieġa juru li huma għandhom il-kapaċità u d-dispożizzjoni meħtieġa biex isegwu l-Kors bi profitt."

4. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(3) Il-kapaċità u d-dispożizzjoni professjonali għandhom ikunu mwieżna permezz ta' eżerċizzji li jinvolvu (i) attività fejn l-applikant jaħdem parti ma' klijent; (ii) diskussjoni fi grupp; u (iii) intervista personali mmexxija minn bord maħtur għal dan il-għan."

5. Il-paragrafi (3) sa (5) tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (4) sa (6).

6. Il-paragrafu (7) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (6) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(7) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li l-kwalifiki tagħhom kif mniżżla fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament ikunu miksuba sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-Kors, għandhom jitqiesu l-ewwel."